# TAGĦRIF GĦALL-KONSUMATUR

gwida għall-konsumaturi ta` servizzi ta` komunikazzjonijiet elettroniċi

## Telefonija Ċellulari



mca
MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

## Kif tagħżel operatur li joffri servizz ta` telefonija ċellulari (*mobile*)




Dawn il-mistoqsijiet jgħinuk tagħmel l-aħjar għażla skont il-ħtiġijiet tiegħek.

## Skemi ta` abbonament u tariffi għal telefonija ċellulari minn fejn tista` tagħżel:

### Servizz imħallas minn Qabel (*Pre-Paid*)




- Il-kreditu jista jinxtara:
  - Mill-ATM;
  - Permezz ta` *top-up* awtomatiku mill-kont bankarju;
  - Mis-sit elettroniku ta` l-operatur;
  - Mit-***top-up cards***; jew
  - B'metodi oħra offruti mill-operaturi.
    - ***Top Up Cards***:
      - Jgħinuk **tikkontrolla sew kemm tonfoq**;
      - L-operaturi jagħtuk **medda ta`  żmien** (*time-window*) li matulha jista jintuża l-kreditu li għandek;
      - Il-meded ta` żmien abbinati mat-*top-up cards* ivarjaw skont il-valur tal-*card* u dawn **ma jinġemgħux**.

**Ma jinġemgħux:** Jekk per eżempju fl-istess ġurnata tittoppja l-*mobile* tiegħek b'żewġ *top-up cards* ta` €10 (medda ta` żmien ta` 90 ġurnata l-waħda), l-ammont ta` ġranet li jkollok ma jkunux ta` 180 ġurnata imma ta` 90 ġurnata.

### Servizz b'Kuntratt (*Post-Paid*):




- L-operatur tas-servizz **jorbtok b'kuntratt**;
- Jintalab ħlas **għall-aċċess** li ffirmajt għaliha, **għat-telefonati** li tagħmel u għal **servizzi** oħrajn mogħtija. Il-kontijiet jinħarġu normalment **kull xahar**;
- **Il-prezzijiet tat-telefonati *post-paid* jafu jkunu differenti** minn dawk li japplikaw f'każ  ta` abbonament f'servizz telefoniku mħallas minn qabel (*pre-paid*). Dan jiddependi wkoll mill-operatur.

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

## Xi trid tqis qabel ma tagħżel l-operatur tas-servizz tat-telefonija ċellulari

- Qis ma` liema operatur huma abbonati n-nies li beħsiebek iċċempel l-aktar. It-telefonati li tagħmel lejn numri ta` l-istess operatur tiegħek (telefonati *on-net*) **jaf ikunu irħas**.

- Jekk se tixtri *mobile* mingħand l-operatur iċċekkja jekk huwiex ***network locked*** jew ***SIM locked***. Fiż-żewġ ċirkostanzi qis l-ispejjeż involuti sabiex l-operatur jiftaħlek il-*mobile* magħluq fuq in-*network* jew is-*SIM card* tiegħu.

  - ***Network locked***
  Dawn il-*mobiles* jistgħu jintużaw biss b'*sim cards* ta` operatur partikulari.

  - ***SIM locked***
  Dawn il-*mobiles* jaħdmu biss b'*sim card* waħda partikulari.

## *Roaming* Internazzjonali

### Tixtieq tuża` il-*mobile* tiegħek barra minn Malta?

- Saqsi lill-operatur tas-servizz tat-telefonija ċellulari tiegħek jekk l-iskema ta` tariffi li għandek tippermettilekx li ċċempel meta tkun imsiefer. Dan huwa magħruf bħala s-servizz ta` ***Roaming*** **Internazzjonali**.

- **Sejjer f'xi pajjiż Membru ta` l-Unjoni Ewropea?**

  - Tista` tgawdi mill-**'Ewrotariffa'**.
  - L-Ewrotariffa tistabilixxi x'għandu jkun il-ħlas massimu li jista` jitlob l-operatur kull meta ċċempel jew tirċievi telefonata barra minn pajjiżek.

- **Sejjer f'xi pajjiż li mhux membru ta` l-Unjoni Ewropea?**

  - It-tariffi jafu jvarjaw minn dawk ta` l-Ewrotariffa.
  - Iċċekkja ma` liema operatur barrani għandu **ftehim l-operatur tiegħek fil-pajjiż li beħsiebek tmur, u x'inhuma t-tariffi li japplikaw** meta ċċempel jew tirċievi telefonati minn hemmhekk.

Is-siti elettroniċi ta` l-operaturi jagħtuk tagħrif meħtieġ fuq it-tariffi ta` *roaming* internazzjonali, kif ukoll x'għandek tagħmel sabiex tattiva s-servizz tar-*roaming*.



## Portabilità tan-Numru (*Number Portability*)

### Tixtieq tbiddel l-operatur imma żżomm in-numru tal-*mobile* li għandek?

**Tista` tagħmel dan bis-servizz tal-*mobile number portability* (*porting*).**

- **Qabel il-*porting*:**
  - Jekk għandek **servizz b'kuntratt (*post-paid*)**; ħallas kwalunkwe kont pendenti li għandek ma` l-operatur prezenti tiegħek.
  - Jekk għandek **servizz imħallas minn qabel (*pre-paid*)**; iċċekkja jekk titlifx il-bilanċ li jifdallek fil-*mobile* meta tbiddel l-operatur.
  - Saqsi lill-operatur il-ġdid tiegħek jekk titlifx l-informazzjoni li għandek fuq is-*SIM card* eżistenti, fosthom numri tat-telefon, waqt il-*porting*.

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

- **Waqt il-*porting*:**
  - Mur f'kwalunkwe *outlet* ta` l-operatur li miegħu tixtieq tabbona u ħu miegħek:
    - **Il-karta ta' l-identità jew il-passaport**, u
    - **Is-*SIM card***

    *Nota: Sabiex jagħmlu porting, persuni taħt it-18-il sena jeħtieġu il-permess tal-kustodja legali tagħhom.*
  - Imla il-formola tal-*porting* u ħalli **lill-operatur il-ġdid tiegħek jieħu ħsieb il-proċess tal-*porting*** f'ismek.
- **Wara il-*porting*:**
  - Dan il-proċess **m'għandux idum aktar minn ġurnata waħda** (1) ta` xogħol *(għalkemm jeżistu l-eċċezzjonijiet)*;
  - Jekk kemm-il darba tagħmel *porting*, inti **tintrabat** ma` l-operatur il-ġdid tiegħek **għal ta` l-inqas xahrejn** (2).

## Trid tkun taf ma` liema operatur huwa abbonat xi numru tal-*mobile* partikulari?

Ċempel mill-*mobile* jew ibgħat **SMS lin-numru '180'** bin-numru tal-mobile li tixtieq tiċċekkja. Dan is-servizz huwa bla ħlas.

## Biex tikseb aktar tagħrif:

**L-Awtorità ta` Malta dwar il-Komunikazzjoni**
Valletta Waterfront,
Ix-Xatt ta` Pinto,
Floriana, FRN1913

**Tel** +356 21 336 840
**Fax** +356 21 336 846

**Email** info@mca.org.mt
**Website** www.mca.org.mt